MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1781/2003

**Avviz Numru 1781/03AJD**
**Maxima Limited gja' Stefan Limited**

**vs**

**Anthony u Elizabeth konjugi Chircop f'isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem KJ Eleven**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm324.59) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija konsistenti fi hwejjeg mibjugha lill-konvenuti ghal hanut KJ Eleven u debitament ikkonsenjati izda mhux imhallsa skond ma jidher mill-prospett immarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Gunju 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm324.59), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------